

Brussell, 14 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7474/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0054(NLE)

ENER 119
ENV 255
CLIMA 103
IND 136
RECH 106
COMPET 281
ECOFIN 289

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6566/24
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar it-tkomplija tal-miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass - Adozzjoni

1. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tkomplija tal-miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass. Ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq il-miżuri introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass, kif estiżi bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706. Ir-Rakkomandazzjoni tindirizza wkoll mekkaniżmi msaħħa ta' rapportar u monitoraġġ biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' tnaqqis volontarju fid-domanda għall-gass fil-kuntest tat-tnejn għax-xitwa 2024/2025.
2. Din il-Proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.
3. Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 6619/1/24 REV1.

4. It-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni, kif sussegwentement ivverifikat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokument 7065/24.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A", ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tkompliġa tal-miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass, kif tinsab fid-dokument 7065/24, fis-sessjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2024.